# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

*Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)*

---

**Illum it-28 ta' Novembru 2019**

Appell numru 476 tal-2017

**Il-Pulizija**
**vs**
**Marc VELLA BONANNO**

Il-Qorti :

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar id-9 ta' Novembru 2017 fil-konfront ta' Marc VELLA BONANNO, karta tal-identita bin-numri 341883M fejn ġie mixli talli:

    1. Talli għan-nom u in rappreżentanza ta' A MANCATA LIMITED (C64388) u/jew bħala persuna reġistrata mal-Kummissarju tat-Taxxi skont l-Att tal-1998 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att nur. XXIII tal-1998) u regolamenti magħmula bis-saħħa tal-istess Att, naqas sal-ħmistax il-jum tat-tieni xahar li jiġi wara l-aħħar jum li fih intemmu ż-żminijiet ta' taxxa relattivi li jibgħat lill-Kummissarju tat-Taxxi sitt (6) denunzji, flimkien mal-ħlas dovut, li saru dovuti fil-perjodi li ntemmu

fit-30 ta' Ġunju 2014 sal-31 ta' Diċembru 2014 u fit-30 ta' Ġunju 2015 sal-31 ta' Diċembru 2015.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija : -

1. Tinfliġġi l-piena skont il-Liġi;
2. Minbarra li tinfliġġi l-piena skont il-Liġi, fuq talba tal-prosekuzzjoni tordna lill-imputat jikkonforma ruħu mal-Liġi fi żmien biżżejjed biex ikun jista' jagħmel dan, liema żmien m'għandux jeċċedi tliet chur, taħt multa ta' ħames euro (€5) għal kull jum li dak in-nuqqas ikompli wara li jgħaddi l-imsemmi żmien mill-Qorti.

2. Permezz tas-sentenza aktar il-fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellat, stqarret is-segwenti :

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.
Rat id-dokumenti esebieti.
Ikkunsidrat

Illi mill-provi jirrizulta ampjament li d-denunzji indikati fic-citazzjoni, ma gewx prezentati lid-dipartiment koncernata. Jirrizulta ukoll li fil-perjodu relecanti l-imputat kien jokkupa l-kariga ta' company secretary tas-socjeta A Mancata Limited. Dawn il-fatti mhux kontestati mill-imputat.

Illi fil-verita l-imputat jmur ferm oltre ghaliex waqt id-deposizzjoni tieghu b'gurament huwa ammetta li jaf li huwa, in kwantu company secretary, responsabbli ghal dawn in-nuqqasijiet. Huwa bhala gustifikazzjoni ghan-nuqqas tieghu iddikjara ukoll li meta gie notifikat l-ewwel darba bic-citazzjoni odjerna huwa ikkomunika mad-diretturi tas-socjeta de quo biex jigbor l-informazzjoni sabiex ikun jista jirredigi u jipprezenta d-denunzji u sa llum ghad m'ghandux l-informazzjoni rilevanti f'idejh. Dan pero l-imptuat messu ghamlu fiz-zmien meta kienu dovuta d-dennzji u cioe fis-sena 2014 u 2015 u mhux wara li jirceivi c-citazzjoni.

Ghal dawn il-motivi, wara li rat l-artikoli 66, 76(c)(d) u 82tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta' tmein mitt Euro (€800).

Il-Qorti, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 76 ta' l-istess Kapitolu 406 tordna lill-imputat sabiex fi zmien tlett xhur mill-llum jikkokonforma ruhu mal-ligi u fin-nuqqas jehel multa ohra ta' hames Euro (€5) ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien.

3. Illi minn din is-sentenza Marc VELLA BONANNO interpona appell permezz ta' rikors datat 17 ta' Novembru 2017 fejn talab li s-sentenza hawn fuq imsemmija
   (a) tiġi varjata u mibdula billi tillibera lill-appellant mill-ħtija għall-imputazzjoni kontestata lilu u mill-piena ta' multa ta' tminn mitt euro komminata lilu;
   (b) sussidjarament jekk il-Qorti tqis li s-sentenza ta' ħtija kienet timmerita konferma, minħabba l-fatti tal-każ kellu tnaqqas il-piena inflitta.

***Ikkunsidrat : -***

Illi matul il-kors tas-smiegħ tal-kawża ġie rilevat li f'dan il-każ kien hemm żewġ verżjonijiet tas-sentenza u ċjoe dik miktuba di proprio pugno mill-Maġistrat innifish kif ukoll is-sentenza stampata u redatta mir-Reġistatur. Bejn dawn iż-żewġt verżjonijiet kien hemm diskrepanza li kienet tirrendi s-sentenza nulla. Fil-verżjoni li kienet iffirmata *di proprio pugno* mill-Maġistrat, is-sentenza kienet tgħid hekk :

> Il-Qorti,
> Rat l-imputazzjonijiet:
> Rat id-dokumenti:
> Semgħet il-provi:
> Rat l-Artikoli indikati:
> Ikkunsidrat
> Tirriżulta ħati multa €800
> Zmien 3 xhur €5 p/d

Illi din kienet tikkuntrasta mad-dikjarazzjoni misjuba fil-parti dispożittiva tas-sentenza minn fejn jirriżulta li l-Qorti kienet qalet hekk :

> Ghal dawn il-motivi, wara li rat l-artikoli 66, 76(c)(d) u 82tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, **fuq ammissjoni** ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta' tmein mitt Euro (€800).

Illi minn imkien ma kien jirriżulta li l-appellant kien ammetta l-imputazzjoni kontestati lilu. Anzi jekk xejn l-appellant kien ikkontesta bil-qawwa l-imputazzjonijiet. Dawn il-verżjonijiet kongliġġenti kienu jirrendu s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ekwivoka u konsegwentement nulla.

***Ikkunsidrat : -***

Illi din il-Qorti tifhem illi l-Qorti tal-Maġistrati, u dik il-Qorti in partikolari, kienet tiddeċiedi numru enormi ta' każijiet ta' natura teknika. Jirriżulta li dik il-Qorti ħadet żball, mhux solitu għaliha, li tipproduċi żewġ verżjonijiet tal-istess sentenza, dik uffiċjali tistqarr fil-parti dispożittiva tagħha li l-appellant kien qiegħed jiġi misjub ħati u sentenzjat fuq ammissjoni, mentri dik miktuba minnha *di proprio pugno* fuq il-komparixxi ma kienet issemmi xejn minn dan.

Illi din il-Qorti tifhem ukoll li f'materja t'appelli kriminali il-formaliżmu żejjed ma hemmx postu u li fejn ikun legalment possibbli għandu jkun hemm preżunzjoni favur il-validita tas-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati, u li fejn ikun hemm dubji, għandu jkun hemm sforz biex dawn jiġu salvati u mhux annullati.[1] Mill-banda l-oħra, sentenzi ta' natura penali

[1] Ara wkoll ***Il-Pulizija vs Emmanuel Zammit*** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar is-16 ta' Jannar 1986.

huma materja delikata ħafna u ta' interess pubbliku. In kwantu tali jekk ikun hemm raġunijiet gravi li minħabba fihom sentenza ma tkunx tista' tiġi ritenuta li tissodisfa l-voti tal-Liġi jew li jkun fiha nuqqasijiet organiċi tali ma tkunx tista' tiġi ritenuta sentenza legalment valida, allura din il-Qorti tkun kostretta li tipproċedi għad-dikjarazzjoni tan-nullita tagħha, inkluż billi tieħu provvedimenti *marte proprio*, *ex officio*. Dan għaliex *in criminalibus* il-ġudikabbli għandu dritt bażiku li jara li jekk għandu jiġi misjub ħati bis-saħħa ta' sentenza ta' Qorti u jeħel piena pekunjarja jew restrittiva tal-liberta personali tiegħu, tali sentenza għandha tkun kemm formalment kif ukoll sostantivament tajba, b'mod li toħloq ċertezza legali billi tkun tissodisfa il-formalitajiet tal-Liġi kif ukoll tkun konsistenti mal-proċedura li tkun ġiet segwita quddiemha u ma tkunx konfliġġenti mal-istess.

Qabel xejn verament li hemm diskrepanza bejn il-verżjoni miktuba mill-Maġistrat b'idejha stess u dik stampata mir-Reġistratur. Biss dwar dan il-Qorti ftit għandha xi tgħid għajr ħlief li bl-ammont enormi ta' kawżi li jkollha dik il-Qorti ta' dan il-ġeneru huwa bilwisq prattiku li tadotta prassi fejn tikteb il-konklużjonijiet tagħha fil-qosor fuq il-komparixxi imbagħad tgħaddi għall-isteżura formali tas-sentenza aktar tard. Dwar dan ma hemm xejn x'jiġi ċensurat. L-unika ħaġa li din il-Qorti tirrimarka huwa dwar l-importanza imbagħad li dak miktuba *di proprio pugno* mill-Maġistrati imbagħad ikun rifless fis-sentenza stampata u maħruġa mir-Reġistratur. Skont ġurisprudenza li issa tidher ikkonsolidat ruħha sew, hija din il-verżjoni tas-sentenza uffiċjali maħruġa mir-Reġistratur li

tifforma stat fil-konfront ta' terzi.[2] Għalhekk qabel xejn il-Qorti tqis li din hija s-sentenza uffiċjali u li fuqha wieħed għandu jqis il-Ġudizzju ta' dik il-Qorti.

Dak li pero jħasseb lil din il-Qorti huwa li fil-parti dispożittiva l-Qorti qalet li *fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu* u kkundannatu għall-multa ta' tminn mitt euro (€800). Mill-verbal tal-kawża, u b'mod partikolari minn dak tas-seduta tad-9 ta' Novembru 2017, a fol 5 tal-proċess jirriżulta li l-proċedura segwita minn dik il-Qorti kienet interament in kontradittorju u ma hemm ebda indikazzjoni li l-ġja imputat ammetta l-imputazzjoni kontra tiegħu.

Għalkemm ma hemmx imniżżel li l-imputazzjoni ġiet moqrija mill-Uffiċjal Prosekutur u li l-ġja imputat ġie mistoqsi x'għandu xi jwieġeb, jirriżulta li kien xehed bil-ġurament Paul Scicluna u ppreżenta xi dokumenti u wara dan il-Prosekuzzjoni iddikjarat li ma kellhiex aktar provi x'tipproduċi. Imbagħad xehed il-ġja imputat, illum appellant. Wara li dan iddikjara li ma kellux aktar provi x'jipproduċi dik il-Qorti għaddiet għas-sentenza. Minn dan il-verbal joħroġ ċar li l-appellant ma rreġistrax ammissjoni. Jekk xejn il-proċedura relattiva għal meta imputat jammetti l-anqas ma jirriżulta li ġiet soddisfatta minn dik il-Qorti. Anzi

[2] Ara f'dan is-sens l-appell kriminali ***Il-Pulizija vs Albert Bezzina*** deċiża nhar il-25 ta' Lulju 1994 kif ukoll l-appell kriminali ***Il-Pulizija vs Raymond Parnis*** deċiż nhar l-4 ta' Marzu 2011 fejn intqal :

> Jinghad mill-bidu nett li hija l-kopja ufficjali mahruga mid- Deputat Registratur illi jaghmel stat fil-konfront ta' terzi u mhux l-appunti jew is-sentenza li tkun miktuba mill- Magistrat. Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal- Appell Kriminali l-Pulizija vs Albert Bezzina 25.07.1994 intqal :
>
> *"il-Qorti tosserva illi la l-artikolu 377(1) u lanqas l-artikolu 382 ma jirrikjedu li s-sentenza tinkiteb mill-Magistrat; dak li trid il-ligi hu dak li jghid il-Magistrat meta jaghti s-sentenza jigi registrat u riprodott fil-kopja tas-sentenza. Dak illi hemm fuq il-komparixxi huma l-appunti tal-Magistrat, mhux is-sentenza. ........."*

l-istat tal-atti juri li dik il-Qorti mxiet bil-proċedura ta' kontestazzjoni avversarja skont l-artikolu 375 tal-Kodiċi Kriminali.

Biss jibqa' l-fatt li fis-sentenza tagħha dik il-Qorti sabet lill-ġja imputat ħati fuq ammissjoni u fuq hekk tagħtu s-sentenza. Issa meta wieħed iqis il-motivazzjonijiet li dik il-Qorti għamlet fis-sentenza tagħha, dik il-Qorti tgħid li meta xehed il-ġja imputat ma kienx qiegħed jikkontesta **ċerti** **fatti** li fuqhom il-kawża kienet qegħda tiġi msejsa u ċjoe li d-denunzji indikati fiċ-ċitazzjoni, ma ġewx preżentati lid-dipartiment konċernat u li fil-perjodu relevanti il-ġja imputat kien jokkupa l-kariga ta' *company secretary* tas-soċjeta A Mancata Limited. Mhux talli hekk talli l-Qorti rrimarkat li l-imputat mar ferm oltre minn hekk meta huwa bil-ġurament ammetta li

> huwa, in kwantu company secretary, responsabbli ghal dawn in-nuqqasijiet. Huwa bhala gustifikazzjoni ghan-nuqqas tieghu iddikjara ukoll li meta gie notifikat l-ewwel darba bic-citazzjoni odjerna huwa ikkomunika mad-diretturi tas-socjeta de quo biex jigbor l-informazzjoni sabiex ikun jista jirredigi u jipprezenta d-denunzji u sa llum ghad m'ghandux l-informazzjoni rilevanti f'idejh.

Illi dan juri li f'moħħ dik il-Qorti l-imputat kien mhux biss ammetta l-fatti li kienu jikkostitwixxu r-reat iżda saħansitra stqarr bil-ġurament li kien qiegħed jipprova jagħmel xi sforzi biex ikun jista' jottempera ruħu.

Illi dan iwassal lil din il-Qorti biex tikkonkludi li l-Qorti tal-Maġistrati, konsapevoli li l-appellant ammetta sett ta' fatti li skontha kienu jikkostitwixxu r-reat, u in bażi għal din l-ammissjoni tal-fatti hija setgħet issibu ħati in kwantu dawk il-fatti ammessi minnu wasluha għall-

konklużjoni li l-każ tal-prosekuzzjoni kien pruvat sal-grad rikjest mill-Liġi. Il-Qorti ma tqisx li din hija għalhekk raġuni daqstant serja li twassal għal inċertezza jew nullita tas-sentenza appellata. L-ammissjoni imsemmija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet relattiva għall-fatti li fuqhom il-Qorti setgħet tasal għal sejbien ta' ħtija tar-reat kontestat u mhux ammissjoni tal-ġja imputat għall-imputazzjoni kontestata lilu. Din il-Qorti tikkonkludi dan in bażi għall-fatt li l-proċedura li segwiet dik il-Qorti kienet waħda kjarament ta' kontestazzjoni tal-imputazzjoni u mhux ta' ammissjoni tal-istess imputazzjoni.

# *Deċide*

Għaldaqstant din il-Qorti, għall-motivi premessi, tiddeċiedi li ma hemmx lok li tiddikjara s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati appellata nulla u għalhekk tordna t-tkomplija tal-kawża.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***